MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Numru. 657/2001

Il-Pulizija
(Spettur Jason Agius)
vs
Dolores Abela

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Dolores Abela, detentrici tal-karta tal-idenita bin-numru 310057(M), li permezz taghhom hija giet akkuzata talli fit-2 ta’ Ottubru 2001, filghaxija f’Hal Tarxien, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq cint (appromorta) tal-bricks fil-fond numru 8, Triq Bir Bixkilla, Tarxien ghad-detriment ta’ Mario Muscat liema ammont tal-hsara ma jiskorriex il-hames mitt lira Maltin imma hu izjed minn hamsin lira Maltin u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata fuq imsemmija twiegeb li ma kellha l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, inkluz l-imputata fuq imsemmija minn jeddha u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-tratazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkundisrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-pulizija ta' Rahal Gdid kienet irceviet kwerela iffirmata minn Dr Angelo Farrugia datata 4 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha Dr Farrugia ghan-nom tal-klijent tieghu Mario Muscat ta' numru 8, Triq il-Bir Bixkilla, Tarxien, allega illi l-imputata fuq imsemmija fit-2 ta' Ottubru tas-sena 2001 filghaxija kienet ghamlet hsara volontarja fuq cint opramorta tal-bricks li kienet inbniet mill-imsemmi Mario Muscat u Sebastian Pirotta ta' numru 1, Palm Street, Tarxien, liema opramorta skond il-kwerelant kienet imbniet skond il-permessi kollha necessarji, liema hsara volontarja kienet tammonta ghal aktar minn hamsin lira.

Illi l-pulizija kellmu lill-imputata fuq imsemmija illi irrilaxxjat stqarrija illi tinsab esebita a fol. 19 tal-process fejn qalet illi fit-2 ta' Ottubru 2001 filghaxija hija kienet ghamlet hsara fuq cint opramorta tal-bricks fil-post illi ghandu Mario Muscat. L-imputata qalet lill-pulizija illi l-ewwel ma ghamlet kien illi nehhiet il-'bricks' minn fuq ic-cint taghha u tefghathom ghal ghandhom bis-sieq. Hija ipprecizat ezatt u spjegat illi nehhiet iz-zewg filati 'bricks' li kienu imtellghin fuq ic-cint taghha u tefghathom fuq il-bejt propjeta ta' Mario Muscat. L-imputata kompliet tghid fl-istqarrija taghha illi Mario Muscat kien tella sitt filati fuq ic-cint taghha u hi kienet waqqatlu tnejn minnhom u b'hekk hallietlu erba' filati. Hija qalet illi kien hemm ftehim bejniethom fis-sens illi Mario Muscat kellu itella zewg filati

fuq ic-cint u l-kumplament kellhom ikun hadid u dan il-ftehim skond hi kien sar quddiem Sebastian Pirotta, il-bennej ta' Mario Muscat.  Mistoqsija ghalfejn kienet waqqghet dawn il-filati tal-'bricks' l-imputata wiegbet li ghamlet hekk ghaliex Mario Muscat kien dahak biha, minflok tella zewg filati, tella sitta.  Mistoqsija jekk meta waqqghet il-bricks fuq il-bejt ta' Mario Muscat kienitx taf li kienet ikkagunatlu hsarat fuq il-bejt tieghu l-imputata wiegbet illi dan ma kienx veru.  L-imputata kompliet tghid fl-istqarija taghha illi hija taf illi s-sitt filati inbnew fit-2 ta' Ottubru 2001 meta hija kienet gurnata ghand ommha u meta telghet fuq il-bejt filghaxija fit-tard sabet sitt filati 'bricks' imtella fuq ic-cint u kellha s-cement fuq it-tarag tal-bejt taghha.

Illi xehed Mario Muscat f'dawn il-proceduri u qal illi huwa kellu l-permessi kollha sabiex bena hajt fid-dar fejn joqghod u huwa il-hajt kien tellghu kif suppost, kien ghamel erba' filati minflok sebgha.  Muscat kompla jixhed illi darba minnhom sab il-hajt maqlub.  Sab zewg filati maqlubin minn nofs 'il hemm.  Skond hu l-imputata sabitu u qaltlu, "Dak il-hajt jien qlibtulek".  Muscat xehed illi ma kienx jaf ghalfejn kienet waqqatlu il-hajt, pero' hi kienet qaltlu li kien qieghed idallmilha il-post taghha. Muscat kien kellem lil Perit Magri li kien hadlu xi ritratti, liema ritratti gew esebiti f'dawn il-proceduri.

Illi xehed Sebastian Pirotta illi kien tella l-hajt fil-fond ta' Mario Muscat.  Huwa xehed illi dakinhar stess illi kien tella l-hajt kienet giet ghandu l-imputata d-dar u qaltlu, "Hemm hekk x'ghamiltu dalamtuli kull ma hemm?" u Pirotta kien baghatha tghid dan lil Mario Muscat. Pirotta xehed li l-imputata qaltlu, "Jiena l-hajt qlibtulu" u xehed ukoll illi effettivament huwa kien mar ghand Muscat u kien ra l-hajt maqlub.

Illi xehdet l-imputata fuq imsemmija f'dawn il-proceduri u wara li inqratilha l-istqarrija li irrilaxxjat lill-pulizija hija ikkonfermata bil-gurament f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputata fuq imsemmija tinsab akkuzata bi hsara volontarja ai termini tal-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Illi kemm Mario Muscat il-kwerelant, kif ukoll il-haddiem illi tellalu l-hajt, Sebastian Pirotta, xehdu illi meta staqsew lill-imputata ghalfejn hija kienet qalbet il-hajt, jew inkella meta offriet hi stess spjegazzjoni ta' dan l-imputata qalet illi kienet ghamlet dak illi kienet ghamlet peress illi skond hi bil-hajt illi kien tella Mario Muscat kien qieghed iddalmilha l-post taghha.

Illi meta l-imputata giet interrogata mill-pulizija mal-ewwel ammettiet illi fil-fatt kienet qallbet il-hajt. Hija qalet illi kienet ghamlet hekk peress illi skond hi minflok zewg filati 'bricks' Mario Muscat kien tella sitt filati bricks u hija waqqatlu tnejn minnhom biex b'hekk hallietlu erba' filati. Mistoqsija ghaliex ghamlet hekk l-imputata wiegbet, "Ghaliex Mario Muscat kien dahak bija u flok tella zewg filati tella sitta".

Illi meta giet mistoqsija fl-istqarrija jekk kienitx taf illi meta waqqghet il-'bricks' fuq il-bejt ta' Mario Muscat kienet ikkagunat hsarat fuq il-bejt ta' Mario Muscat l-imputata cahdet kategorikament.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tara illi ghandu ragun l-abbli avukat difensur fit-trattazzjoni illi ghamel fis-sens illi l-imputata imissa giet akkuzata bir-reat tal-ragon fattasi u mhux bir-reat ta' hsara volontarja, illi huwa l-unika reat li bih giet akkuzata l-imputata fuq imsemmija u dana peress illi meta ghamlet dak illi ghamlet l-imputata ma kellha l-ebda intenzjoni sabiex tikkaguna hsara volontarja, izda biss li tiehu l-ligi b'idejha u tikkommetti att estern li jispolja lil haddiehor, f'dan il-kaz lil Muscat, minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-intenzjoni espressa jew presunta ta' dan il-haddiehor. F'dan il-kaz l-att estern kien illi l-imputata qalbet il-filati tal-'bricks'. Fit-tieni lok l-imputata ghamlet dak illi ghamlet bi preteza illi l-att illi ghamlet kien qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt u dana

peress illi skond hi kienet ghamlet ftehim ma Muscat illi l-hajt ma kellux ikun iktar gholi minn zewg filati ‘bricks’ u l-kumplament kellu jkun tal-hadid u dana peress illi skond hi hija kellha dritt li l-post taghha jkollu d-dawl u kien ghalhekk li meta l-hajt tela aktar milli suppost hija qalbet l-eccess. Fit-tielet lok l-imputata kienet taf illi dak li kienet qeghda taghmel di privata braccio imissu sar permezz ta’ awtorita pubblika. L-imputata kienet taf illi hadet il-Ligi b’idejha u fir-raba’ lok in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. Effettivament irrizulta illi Muscat kellu l-permessi kollha relattivi u ghalhekk huwa kellu kull dritt illi jibni l-hajt li bena u certament l-imputata ma kellha l-ebda dritt twaqqahulu.

Illi kif tajjeb issottometta l-avukat difensur meta ikkwota sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ‘Il-Pulizija kontra Carmelo Ciantar” tal-18 ta’ Settembru 1996 il-Qorti ma tistax tqis biss il-vjolenza illi uzat l-imputata, illi meta qabdet u bis-sieq wadbet il-hajt tal-‘bricks’ fuq il-bejt tal-propjeta ta’ Muscat. Din il-hsara kagunata mill-imputata kienet semplicement incidentali u konsegwenzjali ghat-tnehhija tal-hajt tal-‘bricks’ u cioe’ ta’ erba’ filati minnu u l-vjolenza uzata bl-ebda mod ma tindika li oltre l-intenzjoni specifika li tezercita d-dritt li tippretendi illi kellha l-imputata hija kellha wkoll l-intenzjoni illi taghmel il-hsara. Fil-fatt meta giet mistoqsija jekk kienitx taf illi b’dak illi kienet ghamlet hija kienet ikkagunat hsara fuq il-bejt ta’ Muscat l-imputata qalet illi dan ma kienx veru. Cahdet kategorikament illi kienet ikkagunat xi hsara. Ghalhekk ir-reat li kellha tinsab hatja tieghu l-imputata kien dak kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali u mhux dak kontemplat fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti filwaqt illi tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u qeghda tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija u piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------